# Beati u Qaddisin....Settembru

## San Girgor il-Kbir 3 ta' Settembru

San Girgor twieled f'Ruma, l-Italja, f'madwar is-sena 540. Il-familja tieghu kienet ta' klassi gholja u sinjura hafna.  Meta tista' tghid klien ghadu zaghzugh laħaq Prefett ta' Ruma.  Minkejja li kellu din il-pożizzjoni għolja fis-soċjeta' u kien wieħed mill-aktar nies sinjuri ta' Ruma, fehem li kollox kien frugha u fis-sena 575 ħalla kollox biex jingħaqad iktar ma' Alla.



Daħal mal-Patrijiet Benedittini, bidel daru f'monasteru taħt il-protezzjoni ta' San Andrija, u ħadem bla heda biex waqqaf sitt monasteri oħra. Il-Papa Pelaġju II ordnah saċerdot u ftit wara bagħtu bħala Legat tiegħu f'Konstantinopli. Fis-sena 586 ġie lura u sar l-Abbati tal-monasteru ta' San Andrija. Meta l-Papa Pelaġju II miet bil-pesta fis-sena 590, Girgor ġie elett Papa, l-ewwel patri li qatt kellu dan l-unur.

Fis-sena 596 bagħat lil San Wistin flimkien ma' xi erbgħin patri ieħor l-Ingilterra biex ixerrdu l-fidi nisranija. Minkejja li kien bniedem marradi u kien jeħtieġlu jqatta' perjodi twal fis-sodda huwa ħadem bis-sħih matul l-erbatax-il sena tal-pontifikat tiegħu.

Ikkumbatta s-simonija, l-ereżiji u l-inġustizzja, u kabbar l-interess fil-Knisja lejn il-liturġija u l-mużika sagra. Ma kienx jehda jippriedka u jikteb. Il-kitba tiegħu turi l-qdusija, l-għerf u ż-żelu li kellu u wasslitu biex ikun iddikjarat Duttur tal-Knisja.

Għalkemm kien isejjaħ lilu nnifsu bħala " l-qaddej tal-qaddejja ta' Alla", ma kien jaqta' qalbu minn xejn. Kien ikun dejjem biċ-ċoqqa ta' patri ħlief f'okkażjonijiet formali. Huwa baqa' jaħdem sa l-aħħar minkejja li kien sar għadma u ġilda, qisu skeletru u bil-kemm kien jiflaħ jimxi. Miet f'Ruma fit-12 ta' Marzu 604